# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 776

KAZ NRU. 978

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Michael Agius

u

Cimoplast Co Ltd

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Illum : dsatax (19) ta' Dicembru, 1996

**Chairman : Is-Sur Anthony Farrugia P.L.**

## I. **INTRODUZZJONI**

Dan il-kaz gie riferit lil dan it-Tribunal mill-Ministru ta' l-Edukazzjoni u Rizorsi Umani permezz ta' ittra mmarkata ME 4/95 Vol. II/85 li ggib id-data tat-tletin (30) ta' Ottubru, 1995 biex jigi deciz skond is-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 28 tal-Kapitolu 266 tal-Ligijiet.

It-Tribunal wara li kkunsidra l-Istqarrijiet tal-Kaz taz-zewg partijiet, il-provi kollha prodotti u s-sottomissjonijiet

finali ta' l-istess partijiet wasal ghad-decizjoni tieghu kif sejjer jinghad.

## II. **IL-MERITU TAL-KAZ**

Michael Agius 'il quddiem jissejjah l-appellant, kien impjegat bhala "Mould Maker" ma' Cimoplast Co Ltd 'il quddiem tissejjah il-Kumpanija, qala' argument mas-superjur tieghu meta dan ta' l-ahhar ordnalu biex imur jahdem post f'postu ghaliex dak il-hin kien f'post iehor tal-fabbrika. Dan l-argument baqa' sejjer sakemm wassal ghat-terminazzjoni ta' l-impjieg ta' l-appellant.

## III. **KONSIDERAZZJONIJIET**

F'dan il-kaz, it-Tribunal ghandu zewg verzjonijiet ta' kif sehhew il-fatti li wasslu ghat-terminazzjoni ta' l-impjieg ta' l-appellant.

L-istess appellant jallega li kien l-istess superjur tieghu li qallu "aqbad hwejjgek u itlaq" waqt li s-superjur tieghu jallega li kien l-appellant li qallu "se naqbad u nitlaq"

L-incident inqala' meta dan is-superjur sab lill-appellant f'post fil-fabbrika differenti minn postu u ordnalu biex imur jahdem f'postu, l-appellant beda biex irrisponda li hu kien fejn kien ghaliex kellu bzonn igib xi ghodda u xi "spare parts" biex ikompli jahdem u wara baqa' jargumenta sakemm intqal l-imsemmi diskors li wassal ghat-terminazzjoni ta' l-impjieg ta' l-istess appellant.

Ghall-mument, indipendentement min qal dak id-diskors li gie allegat li ntqal rigwardanti t-tluq minn fuq ix-xoghol, it-Tribunal b'ebda mod mhu sejjer japprova li mpjegat, hu min hu, jaqbad u jargumenta mas-superjur tieghu hekk kif dan ta' l-ahhar jghatih ordni legittima u li kellu kull dritt li jghatiha.

Fil-kaz li ghandu quddiemu dan it-Tribunal, l-ordni kienet li l-appellant, li kien f'post iehor tal-fabbrika, imur fuq xogholu f'postu, ordni semplici u li ma setghat qatt iggib xi inkonvenjent lill-appellant; jekk l-impjegati jithallew jargumentaw mas-superjuri taghhom kull darba li l-istess impjegati jircievu ordni legittima, dan zgur iwassal ghall-"chaos" b'mod partikolari f'dawk l-azjendi li jimpjegaw numru sostanzjali ta' impjegati, sitwazzjoni li hadd ma jixtieqha u li ma hi ta' ebda beneficcju kemm ghal min jahdem wisq anqas ghal min ihaddem. L-appellant jallega li kien is-superjur tieghu li qallu "aqbad hwejjgek u itlaq" pero' dan id-diskors, jekk ghal grazzja ta' l-argument verament intqal, seta' intqal wara li l-appellant baqa' jinsisti u jargumenta sal-pont li pprovoka lis-superjur tieghu u wasslu biex jitlef il-pacenzja li ghandha l-limiti taghha; wara din il-provokazzjoni li wasslet ghat-terminazzjoni ta' l-impjieg tieghu mahluqa minnu stess, ma jistax l-appellant jippretendi l-protezzjoni ta' dan it-Tribunal billi jallega li hu kien tkecca ngustament.

Ghar-ragunijiet mghotija, fil-fehma ta' dan it-Tribunal il-Kumpanija kellha raguni "tajba u bizzejjed" biex tittermina l-impjieg ta' l-appellant.

IV. **DECIZJONI**

In vista tal-premess, dan it-Tribunal, wara li jiddikjara li l-Kumpanija kellha raguni "tajba u bizzejjed" biex tittermina l-impjieg ta' l-appellant, jichad it-talba ta' l-istess appellant.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali 48 ta' L-1986, dan it-Tribunal qieghed jintaxxa lid-difensur tal-Kumpanija d-drittijiet fis-somma ta' erbghin liri maltin (Lm40); l-appellant ma kellux difensur.

B'hekk dan it-Tribunal itemm dan il-kaz.

---------------------
Anthony Farrugia
CHAIRMAN

-----------------
George Attard
SEGRETARJU

mrg